# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni Numru 2493

Każ Nru: 3283/ ET

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn

Joseph Bonanno

u

All Services Ltd.

Illum: 5 ta' Ottubru, 2017

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt.

**Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Abigail Critien fil-11 t'Awwissu 2014. Ir-rikorrent saħaq li s-soċjeta' intimata tterminat l-impjieg fuq bażi ta' *redundancy* fl-20 ta' Ġunju 2014. Ir-rikorrent insista li x-xogħol ta' *night-receptionist* mhux minnu li ġie *redundant* kif se jiġi ipprovat waqt is-smigħ tal-każ u allura t-tkeċċija kienet waħda inġusta. Ir-rikorrent kien impjegat fuq bażi ta' *part-time*. Għaldaqstant ir-rikorrent fir-rikors talab biex it-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet waħda inġusta u biex jagħti lilu l-provvedimenti kollha opportuni inkluż kumpens ġust.

Fir-risposta tagħha s-soċjeta' intimata tenniet illi permezz tal-*legal notice* 351 (2012) ma baqgħax aktar neċessarju li lukanda *3-star* ikollha ż-żona tar-*reception* miftuħ għal aktar minn erbatax (14)-il siegħa fil-ġurnata, bil-konsegwenza li ma kienx hemm aktar bżonn ta' *night receptionist* u b'hekk il-post ta' *night receptionist* ġie *redundant*.

Illi r-rikorrent kien wasal biex jirtira waqt li kienu għaddejin bin-negozjati u b'hekk l-impjieg tiegħu seta' ġie terminat f'kull ħin skond is-soċjeta' intimata. Is-soċjeta' spjegat illi ż-żewġ *part-timers* l-oħra li wkoll kienu *night-receptionists* ukoll ġew *redundant* fl-istess żmien u għaldaqstant mhux minnu li t-tkeċċija kienet waħda inġusta u invalida fil-liġi u għalhekk is-soċjeta' intimata titlob lit-tribunal tiddikjara u tiddeċiedi li t-terminazzjoni tar-rikorrent kienet ġusta u legali.

**Fatti**

- Ir-rikorrent ġie impjegat bħala *part-time night receptionist* mis-soċjeta' intimata fid-9 ta' Settembru 2004 u ġie tterminat fuq bażi ta' redundancy fl-20 ta' Ġunju 2014.
- Ir-rikorrent kien wasal biex jilħaq ir-*retirement age* meta ġie tterminat. Skond it-Tribunal, l-eta' tal-irtirar kienet diġa' intlaħqet għax ir-rikorrent twieled fl-1951.
- Ġew ukoll *redundant* iż-żewġ *night receptionists* l-oħra li ma kinux laħqu l-eta' tal-irtirar.
- Konferma l-*legal notice* 351 tal-2012 kienet tali kif spjegat is-soċjeta' intimata.

**Provi**

F'dawn il-proċeduri xehdu Richard Cassar – *Managing Director All Services Ltd.*, Miriam Caruana – *Rooms Division Manager*, Joseph Joe Grech – *Director Signal Security* u r-rikorrent. Ġew esebiti wkoll diversi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet u deċiżjoni**

Dan it-Tribunal għandu biex jikkunsidra l-fatti u l-provi jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent fuq bażi ta' *redundancy* kinitx ġusta jew le.

It-Tribunal jagħraf li r-rikorrent li twieled fl-1951 kellu l-eta' tal-irtirar bil-liġi fl-2012 iżda s-soċjeta' żammitu fl-impjieg sal-2014 meta ġie *redundant*.

It-Tribunal jagħraf ukoll l-*legal notice* 351 tal-2012 li ħafna stabbilimenti anke simili għas-soċjeta' intimata ħadu l-istess miżuri.

It-Tribunal innota wkoll id-drittijiet il-ġodda tal-ħaddiema tal-kuntrattur tas-*security*.

It-Tribunal studja wkoll bir-reqqa l-argumenti tar-rikorrent li l-ħaddiema tal-kuntrattur tas-*security* kienu involuti wkoll f'xogħlijiet li kien jagħmel ir-rikorrent bħala *night receptionist.*

It-Tribunal innota wkoll li s-soċjeta' intimata kienet sejra ħażin kif ukoll il-kwantita' ta' serq li kien hemm.

It-Tribunal meta kkunsidra l-punti saljenti kollha fosthom li s-soċjeta' intimata żammet lir-rikorrent fl-impjieg wara l-eta' tal-irtirar, in-nuqqas ta' provi biżżejjed li l-ħaddiema tal-kuntrattur tas-*security* kienu jagħmlu l-istess xogħol ta' *night receptionist*, il-*legal notice* 351 tal-2012, is-serq li kien hemm fl-istabbiliment, u l-pożizzjoni finanzjarja li kienet

għaddeja minnha s-soċjeta' intimata, qed jasal għad-deċiżjoni li t-terminazzjoni tar-rikorrent fuq bażi ta' *redundancy* kienet waħda ġusta.

Għall-finijiet tal-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabilixxi ta' min assista l-partijiet, fl-ammont ta' tlieta u disgħin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**CHAIRMAN**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**